MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1125/2005

**Marcelle Mercieca (ID Nru 3487 (M) )**

**Vs**

**In-Sight Limited (C-8006)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm732.78c) rapprezentanti *commission* dovuta lill-attrici mis-socjeta' konvenuta *operandi* l-azjenda Property Line Real Estate Agency kif miftiehem bejn il-partijiet fuq is-senserija / *agency fees* relatati mal-bejgh tal-*maisonette* numru tnejn (2) f'Hampton Court, Triq Paderborn, Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li l-ammont pretiz m'huwiex dovut mis-socjeta' eccipjenti. Effettivament hija l-attrici stess li hija debitrici tas-socjeta' eccipjenti f'ammont ferm akbar mis-somma pretiza f'din il-kawza, rapprezentanti *commission* dovut lis-socjeta' eccipjenti fuq bejgh ta' proprjeta' rregistrata fuq il-kotba taghha, liema bejgh gie konkluz bl-intervent ta' l-attrici minn wara dahar is-socjeta' eccipjenti, wara t-terminazzjoni ta' l-assocjazzjoni ta' l-attrici ma' l-istess socjeta' eccipjenti li fforma l-mertu ta' Avviz ipprezentat kontestwalment quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet "In-Sight Limited Vs Marcelle Mercieca". Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan, jehtieg ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza hawn fuq indikata.

Sema' x-xhieda ta' Marcelle Mercieca u ta' Mario Borg.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' skrittura privata tal-5 ta' Jannar, 2004 l-attrici giet inkarigata bhala *sales consultant* mas-socjeta' konvenuta.

Il-partijiet ftehmu illi l-attrici tkun intitolata ghal ghaxra fil-mija (10%) ghall-*inspections* u tletin fil-mija (30%) ghal "sales of commission earned by the company".
Illi effettivament jirrizulta illi bl-intervent ta' l-attrici sar konvenju bejn Mario Borg li deher ghan-nom ta' Regent Company Limited u Peter Lawson sabiex dan ta' l-ahhar jakkwista l-*maisonette* numru 2 ittra A, Hampton Court, Triq il-Gifen, Bugibba versu l-prezz komplessiv ta' wiehed u erbghin elf u erba' mitt lira Maltin (Lm41,400) u ghalhekk l-attrici hija ntitolata ghall-*commission* skond il-ftehim.

Il-kuntratt relattiv sehh fit-30 ta' Novembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza fejn il-prezz huwa ndikat ghal

erbgha u ghoxrin elf u mitt lira Maltin (Lm24,100) izda jidher illi d-differenza bejn l-ammont indikat fuq il-konvenju u dak indikat fuq il-kuntratt ta' trasferiment jirrigwarda x-xoghlijiet, ossija *finishing works* billi fuq il-kuntratt ta' trasferiment il-post huwa ndikat bhala *in shell form*.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Borg in rapprezentanza tas-socjeta' msemmija illi dakinhar tal-kuntratt huwa hallas elfejn lira Maltin (Lm2,000) bhala *commission* lis-socjeta' attrici u ghalhekk a tenur ta' l-iskrittura privata fuq imsemmija l-attrici ghandha dritt ghal tletin fil-mija (30%) minn din is-somma liema tletin fil-mija (30%) hija ekwivalenti ghal sitt mitt lira Maltin (Lm600). Ma' dan wiehed irid izid il-VAT li fil-mument li giet ipprezentata l-kawza kien bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%) iggib is-somma ta' mija u tmien liri Maltin (Lm108).

Illi ghalhekk it-talba attrici jisthoqq li tigi milqugha f'din is-somma ta' seba' mija u tmien liri Maltin (Lm708). Hija talbet ammont ta' seba' mija u tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm732.78c), izda stante din id-differenza zghira bejn dak li qed jigi deciz minn dan it-Tribunal u dak mitlub, ma jidhirlux li ghandu jkun hemm xi temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Illi finalment it-Tribunal jirrimarka illi s-socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha qalet li dan it-Tribunal ghandu jissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza bejn il-partijiet fl-ismijiet inversi, izda t-Tribunal jidhirlu li dan m'ghandux ikun il-kaz u dan stante li apparti illi jidher car illi dak li jifforma l-mertu tal-kawza ndikata minnhom fl-eccezzjonijiet hija kkontestata, ma jidhirx li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim ta' tpacija u ghalhekk ma jidhirlux li huwa kaz li dan it-Tribunal jissoprasjedi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara t-talba attrici kif fuq ridotta ghandha tigi milqugha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u tmien liri Maltin (Lm708) bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------